MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 427/2009

**Frank Psaila (80245G)**

**vs**

**Frans Ghirxi (364849M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fis 6 ta’ Novembru 2009 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi l-kontenut ta’ l-ittra mahruga u ppubblikata fil-gazzetta Orizzont tat-Tnejn 5 ta’ Ottubru 2009 intitolata ‘Kwalifiki zejda haqqhom kastig’, ta liema gazzetta l-intimat huwa l-editur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk talab lill-Qorti sabiex jikkundanna lill-intimat ihallsu danni.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat ippresentata fid 19 ta’ Jannar 2010 fejn laqa’ ghal dak lilu attribwit billi stqarr illi l-attur ma huwiex identifikat fl-ittra u kull ma ghamel l-intimat kien illi ta’ spazju ghal kitba ta’ interess pubblika f’socjeta demokratika u fil-kitba hemm fatti li jistghu jigu ppruvati u espressjonijet ta’ fehmiet li huma permessi fis-socjeta ta’ llum. Fl-ahhar nett, l-intimat sahaq illi l-ligi ta’ l-Istampa ma tippermettix tifsiriet “imgebbda” biex kitba ma tinghatghalhiex tifsira li ma jarahiex l-average reader.

Rat ix-xhieda ta’ **Gorg Saliba**, Assistent Direttur fl-Ufficju tal-Kummissarju Elettorali, moghtija fl-14 ta’ Lulju 2010, li stqarr illi gewwa Ghawdex hemm sebgha u ghoxrin persuna bil-kunjom tar-rikorrent.

Rat ix-xhieda ta’ **Christopher Micallef**, rappresentant tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, moghtija fl-14 ta’ Lulju 2010 li xehed dwar is-sejha ghal clerks mal-Employment and Training Corporation f’Ghawdex illi sar f’Jannar 1999.

Rat ix-xhieda ta’ **Frank Psaila**, mogthija fl-14 ta’ Lulju 2010.

Rat ix-xhieda ta’ **Joseph Scerri**, Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, mogthija fis 26 ta’ Novembru 2010, li stqarr illi huwa ma investigax dak li kien qed jigi allegat fl-ittra peress illi ma taqax taht il-mansjonijiet tieghu.

Rat ix-xhieda ta’ **Emanuel Grech**, li kien Direttur Corporate Services moghtija fis 26 ta’ Novembru 2010, fejn stqarr illi huwa ma kienx jaf bl-ittra.

Rat ix-xhieda ta’ **Joseph Portelli,** Direttur ghall-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex, moghtija fis 26 ta’ Novembru 2010, fejn stqarr illi kien sar jaf bl-ittra ma kienx jaf b’hadd illi tkellem dwar l-ittra. Huwa stqarr ukoll illi jaf illi Maria Alexia Psaila kienet it-tifla tar-rikorrenti.

Rat ix-xhieda ta’ **Joyce Dimech**, Direttur Customer Services fi hdan il-Ministeru ghal GHawdex, moghtija fis 26 ta’ Novembru 2010, li stqarret li s-Segretarju Permanenti kien gibdilha l-attenzjoni ghall-ittra filwaqt illi kkonfermat illi kienet taf illi Maria Alexia Psaila kienet it-tifla tar-rikorrenti.

Rat illi bejn il 15 ta’ Marzu 2011 u 8 ta’ Frar 2013 ghal-provi rikorrenti, fejn ma gara xejn.

Semghet ix-xhieda ta’ **Ray Grillo**, skrivan tal-Kamra tar-Rappresentanti, moghtija fit 8 ta’ Frar 2013 fejn ippresenta kopja tal-mistoqsija parlamentari Nru 6208 maghmulha fit 13 ta’ April 1999 u mwiegba fit-18 ta’ Mejju 1999.

Semghet ix-xhieda ta’ **Maria Bartolo Galea**, Departmental Manager fil-People Managament Department fi hdan l-Employment and Training Corporation, moghtija fit-8 ta’ Frar 2013, fejn xehdet dwar is-sejha ghal clerks mal-Employment and Training Corporation f’Ghawdex u kkonfermat illi Alexia Maria Psaila bdiet l-impjieg taghha bhala Clerk mal-Employment and Traininhg Corporation mis 6 ta’ April 1999.

Rat illi fit 22 ta’ Marzu 2013 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta’ **Frans Ghirxi** moghtija fl-20 ta’ Mejju 2013.

Rat illi fis 7 ta’ Ottubru 2013 l-intimat iddikjara il-provi tieghu maghluqa.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati tal-partijiet mogthija fl-14 ta’ Marzu 2014.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda ittra illi giet ippubblikata fuq l-Orizzont fil-5 ta' Ottubru 2009 u li jisthoq li l-parti malafamanti tigi inkorporata f'dina s-sentenza ghall-aktar kompletezza. Dana l-artikolu, intitolat "Kwalifiki zejda haqqhom kastig"

*Sur Editur,*

*Qegħdin nisimgħu b'każi, speċjalment f'Għawdex, fejn min ikollu ħafna kwalifiki, me-ta jersaq għal xi intervista, flok ma jaqla' premju, jaqla' kastig, billi jaqtgħuh barra. Din hija l-agħar forma ta' korruzzjoni li wieħed jista' jimmaġina u nappella lill-Prim Ministru biex jaqbad il-barri minn qrunu u joħroġ regolamenti ħalli azzjonijiet bħal dawn ma jibqgħux isiru.*

*F'dan il-ġurnal l-Orizzont ta' nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru, paġna 12, qrajt ir-rapport ta' Victor Vella dwar il-każ ta' Marcel Mejlaq li kien applika biex jidħol bħala għalliem fl-ITS. Billi riedu biss erba' minn ħames kandidati, lil dan Marcel Mejlaq ħallewh barra għax, kif qalu, kien kwalifikat iżżej-jed. Għalija din hija skuża li ħaqqha biss kundanna. Kif tista' tikkundanna lil min ħadem l-iżjed meta din hija ħaġa li kellu jaraha l-applikant innifsu u mhux il-Bord tal-Għażla? Jekk jien gradwat u nixtieq immur naħdem ta' kennies min hu dak li għandu l-wiċċ iċaħ-ħadni minn dak ix-xogħol jekk mhux biex jagħtih lil ħaddie-ħor? Pero', jien lil Marcel Mejlaq nixtieq insemmilu każ simili li kien seħħ fl-1999. Il-każ jinsab reġistrat f'Mistoqsija Parlamentari Nru. 6208 li tweġiba għaliha kienet ingħatat fis-Seduta Parlamentari tat-18 ta' Mejju, 1999.*

*Il-każ kien ġara hekk. Dan kien deċiż li jingaġġaw tliet skrivani (clerks) mal-ETC f'Għawdex. Applikaw tmienja biex jidħlu f'dawn il-postijiet. Waħda minnhom, Edel Mary Camilleri fl-intervista ma ġietx klassifikata għax tqieset bħala 'over qualified'. Bħal dak li qallu, din meta applikat ma kinitx taf x'inhi tagħmel u s-sinjuri tal-Bord, b'karità, riedu jiftħulha għajnejha!*

*Saret l-ordni tal-mertu. L-ewwel erbgħa kienu dawn: 1. Gatt Rosalind. 2. Caruana Mizzi Mary. 3. Farrugia Miriam. 4. Psaila Maria Alexia. Imma ġara li Gatt Rosalind ma ġietx ingaġġata għax laħqet sabet impjieg ieħor fil-frattemp. U allura daħlu Caruana Mizzi Mary, Farrugia Miriam u Psaila Maria Alexia.*

*Issa t-tajba hi li lil Camilleri Edel Mary ma qalgħuhiex barra biss għax kienet 'over qualified', imma, skont l-istess P.Q., għax "dan l-aktar meta fl-intervista stqarret li tara l-karriera tagħha bħala 'social worker'."*

*Min jaqra bejn il-linji jifhem li l-Bord li għamel l-intervista kien jaf x'inhu jagħmel u lil din l-applikanta kien qed jonsobha pulit biex jaqlagħha 'l barra ħalli b'hekk tkun tista' b'xi mod tidħol Maria Alexia Psaila. U Għawdex żgħir u kulħadd jaf min hi Maria Alexia Psaila.*

Jirrizulta, mill-provi prodotti illi, Maria Alexia Psaila, tigi t-tifla tar-rikorrent illi kien Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex fil-mument meta sehhew l-intervisti imsemmija fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Mill-fatti u dokumentazzjoni prodotta, jirrizulta illi f'Jannar 1999, wara talba tal-Human Resources Division tal-Employment and Training Corporation biex tingagga diversi persuni

bhala Clerks, kienet ottjeniet lista ta’ 57 kandidati minghandha stess u sussegwentement ghamlet ‘Interviewing Board’ sabiex jigu klassifikati d-diversi kandidati.

Jirrizulta illi fl-ahhar ta’ Jannar 1999, il-process ta’ klassifikazzjoni kienet lesta u kienet giet imnieda lista ta’ 27 kandidati elegibbli f’Malta, 7 kandidati elegibbli f’Ghawdex u 4 kandidati elegibbli mir-Registru tad-Disabbli.

Jirrizulta illi fil-konsiderazzjonijiet illi ttiehdu mill-Bord, u li jirrigwardaw l-ittra meritu tal-kawza odjerna, il-Bord ghazel illi ma jikkwalifikax erbgha persuni, tnejn ghax ma kellhomx il-kwaifiki basici mehtiega, ohra ghax ma gabet ebda dokumentazzjoni biex tisustanzja il-kwalifiki taghha u l-ahhar wahda, li tissemma fl-ittra meritu tal-kawza odjerna, ghax kienet ‘over qualified’.

Il-Bord, infatti, stqarr is-segwenti:

> *Camilleri Edel Mary was clearly over-qualified to fill a position of a Clerk. This apart from her declaration that she is after building a career as a Social Worker in which field she has a University Degree.*

Il-Qorti tinnota illi Edel Mary Camilleri, li kienet fuq il-lista tal-kandidati ghal Ghawdex, illum il-gurnata hija Spettur tal-Pulizija.

Jirrizulta illi r-rakkomandazzjoni kienet illi zewgt clerks jintghazlu ghal Ghawdex u, skond il-klassifikazzjoni, Alexia Maria Psaila kienet ir-raba wahda kif jidher fil-gradwatorja ippubblikata fl-ittra meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi, mument minnhom, gie deciz illi jkun hemm tlett clerks gewwa Ghawdex u mhux tnejn kif originalment intiz. Sussegwentement, jirrizulta illi l-ewwel persuna maghzula fuq il-lista, jigifieri Rosalind Gatt, ghazlet illit mur tahdem x’imkien iehor u ghalhekk, l-ghazla ghat-tielet clerk nizlet ghal fuq ir-raba persuna klassifikata, illi kienet bint ir-rikorrenti, Alexia Maria Psaila.

Jirrizulta illi dina l-informazzjoni giet spjegata lill-Kamra tar-Rappresentanti wara mistoqsija parlamentari Nru 6208 maghmulha fit 13 ta’ April 1999 mill-Onor Marie Louise Coleiro u mwiegba fit-18 ta’ Mejju 1999 mill-Onor Lawrence Gonzi.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tghaddi biex tinnota illi, ghalkemm l-editur ghandu obbligu lejn is-socjeta illi juza l-mezz tieghu sabiex lehen ic-cittadin jinstema b’mod demokratku u jigu espressi l-veduti ta’ kullhadd, wiehed jifhem ukoll illi l-kontenut ta’ l-ittra, li taghmel referenza ghall kwistjoni illi kienet grat aktar minn ghaxar snin qabel, ftit li xejn kien ta’ interess pubbliku in vista tat-trapass taz-zmien, salv ghal certi allegazzjonijiet illi saru f’tali ittra.

Il-Qorti tifhem ukoll illi l-obbligu ta’ l-editur ghandu jkun illi jipprovdi l-mezzi tieghu biex tali veduti jigu espressi izda tinnota li, l-fatt li l-editur ghazel li ma jidentifikax l-awtur ta’ l-ittra meritu tal-kawza odjerna titfa obbligu fuq l-editur illi jassikura ruhu illi tali ittri jkunu konformi kemm mad-dritt tal-liberita’ ta’ l-espressjoni kif ukoll mad-dritt tal-protezzjoni tar-

reputazzjoni tal-persuna. La darba l-editur, kif kellu kull dritt illi jaghmel, ghazel li ma jidentifikax l-awtur ta' l-ittra, huwa assuma fuqu ir-responsabbiltajiet ta' dika l-ittra bhala l-awtur taghha u ghalhekk ghandu jitqies bhala responsabbli taghhha bhalli kieku kien l-awtur taghha.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, minn qari akkurat ta' l-ittra meritu tal-kawza odjerna, illi mkien ma ssir referenza ghar-rikorrent, la b'mod dirett jew b'mod indirett. Tissemma biss Psaila Maria Alexia minghajr ma ssir ebda referenza assoluta ghal kwalsiasi konnessjoni illi seta qatt kellet mar-rikorrenti.

Madanakollu, kif inqtal mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Farrugia vs Fava** deciza fil 15 ta' Jannar 1997,

> *"Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna ... hu materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza".*

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **L-Onor. John Rizzo Naudi vs Felix Aġius** et gie stabbilit illi:

> *Biex azzjoni ta' libell bl-istampa tirnexxi, l- kitba li tkun trid tabilfors tkun marbuta ma' l-persuna tal- parti attriċi, imqar jekk tkun indiretta jew "velata taħt xi figura jew oħra ta' espressjoni", u dan lil hinn minn jekk il-kittieb tal-istampat kellux f'moħħu lil dik il-persuna meta kiteb dak li kiteb.*

Madankollu, kif stqarret il-Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza **Borg vs Camilleri** deciza fil 15 ta' Novembru 1994,

> *"l-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artiklu ma jfissirx li hija mċaħħda milli tmexxi 'l quddiem azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar l- Istampa, jekk kemm-il darba mill-kontenut tal-istess artiklu joħroġ ċar min kienet il-persuna li dwarha nkiteb dak li nkiteb."*

Il-Qorti tosserva li, kif jikkontendi wkoll il-Gately On Libel & Slander, l-identita' tal-parti malafamata tista' tinġieb minn artikli oħra jew materjal ieħor li jkun inkiteb u li jitfa' dawl fuq l-identita' mistura tal-persuna fl-artiklu inkriminat, imqar jekk il-materjal l-ieħor ikun jikkonsisti f'kitba oħra sussegwenti tal-parti mħarrka.

Minkejja kollox, dejjem jibqa illi wiehed illi jara l-artikolu meritu tal-kawza odjerna mill-perspettiva tal-qarrej li għalih l- artiklu jkun maħsub. Di fatti, harsa lejn l-artikolu kollu, kif gia rilevat aktar 'l fuq, ma jaghti ebda indikazzjoni diretta jew indiretta lejn ir-rikorrent. L-awtur, di fatti, ma riedx jindika lejn min kien qieghed jindirizza l-allegazzjonijiet tieghu.

Madanakollu, l-awtur, fl-ahhar ta' l-artikolu, sabiex juri b'mod car lejn min kien qieghed jaghmel l-allegazzjonijiet, jispicca l-artikolu billi jghid:

***"U Ghawdex zghir u kullhadd jaf min hi Maria Alexia Psaila"***

Tali frazi, wahdeha, hija sufficjenti sabiex, l-ewwel u qabel kollox, tillimita min huma l-qarrejja li l-perspettiva taghhom ghandha tigi kkunsidrata mill-Qorti, peress illi huwa car illi huma l-qarrejja Ghawdxin illi l-awtur kien intenzjonat jindirizza.

Apparti minn hekk, il-fatt illi l-awtur ghazel illi jerggha jindika lill Maria Alexia Psaila b'isimha fl-ahhar ta' l-artikolu u jenfasizza illi kullhadd jaf min hi Maria Alexia Psaila hija indikazzjoni cara illi l-qarrej ghandu jhares lejn direzzjoni wahda, ossija il-parentela ta' Maria Alexia Psaila.

F'komunita' zghira bhalma hija dik Ghawdxija, fejn kull ma hemm huma sebgha u ghoxrin persuna bil-kunjom Psaila, u fejn il-karigi oghljin fil-Gvern huma kemm rispettati kif ukoll regolarment kkonsultati fuq il-kwistjonijet kollha relatati mal-gzira ta' Ghawdex, ma hemm ebda dubju illi kullhadd kien jaf min huwa ir-rikorrent, Frank Psaila, li kien ilu Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Ghawdex minn meta dana gie stabbilit is-sena 1987 u baqa' f'tali kariga sakemm irtira.

Ghalhekk, meta l-awtur ta' l-artikolu ghalaq l-artikolu tieghu billi indika li kullhadd kien jaf min hi Maria Alexia Psaila, jidher car illi huwa kien qieghed jghid illi kullhadd kien jaf illi kienet it-tifla tar-rikorrent, Frank Psaila.

Ghalhekk, id-difiza ta' nuqqas ta' identifikazzjoni ma tregix.

**Ikkunsidrat**

Mill-fatti prodotti quddiem dina l-Qorti u fuq riprodotti, jirrizulta ben car illi, ghalkemm kemm l-awtur jimplika u l-intimat jishaq, fix-xhieda tieghu (vide fol 109), illi kien hemm korruzzjoni meta persuna ma gietx ikkunsidrata ghal post ta' clerk peress illi kienet "over qualified", certament bl-ebda mod ma jirrizulta illi b'xi mod la Frank Psaila u lanqas bintu, Maria Alexia Psaila, ma kienu b'xi mod, involuta f'tali allegat korruzzjoni.

Il-Qorti tosserva illi hija l-prerogattiva ta' kull Bord illi jiddeciedi li persuna li kellha edukazzjoni terzjarja u li eventwalment lahqet Spettur tal-Pulizija ma kienx jisthoqqilha li tigi maghzulha bhala 'clerk', peress illi kien ovvju li, anke kieku kienet ser tintghazel, hija ma kienetx ser tibqa topera fil-post ta' clerk ghal wisq zmien, kif del resto l-pusizjoni ta' awtorita' u rispett illi ghandha llum juri.

Il-Qorti tosserva wkoll illi kien biss wara illi wahda mit-tlett persuni mghazulha iddeciediet tmur tahdem post iehor illi bint ir-rikorrent, Maria Alexia Psaila intghazlet bhala clerk, u ghalhekk, kwalsiasi tip ta' favoritizmu illi l-awtur u l-editur ippruvaw jallegaw fl-artikolu taghhom certament ma jista qatt jirrizulta.

Ghalhekk, id-difiza illi l-fatti juru l-verita' ma tregix, peress illi l-verita' ma hijiex dik allegata mill-awtur ta' l-artikolu u l-editur intimat, izda hija li Maria Alexia Psaila giet ir-raba fil-klassifikazzjoni u intghazlet biss wara li l-ewwel wahda maghzulha irtirat l-ghazla taghha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat id-dokumentazzjoni kollha ppresentata quddiemha u rat ix-xhieda kollha prodotta,

Wara illi semghet t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

Tilqa t-talba attrici u tiddikjara illi l-ittra mahruga u ppubblikata fil-gazzetta Orizzont tat-Tnejn 5 ta' Ottubru 2009 intitolata 'Kwalifiki zejda haqqhom kastig' hija malafamanti u libelluza fil-konfront tar-rikorrent u, a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent, in linea ta' danni, is-somma ta' elfejn u hames mitt Euro

Spejjez tal-proceduri kollha ghandhom ikunu a kariku ta' l-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------